

Lussemburgu, 9 ta' April 2019
(OR. en)

8286/19

SUSTDEV 60
ONU 46
DEVGEN 74
ENV 395
RELEX 352
POLGEN 73
AGRI 198
TRANS 264
ENER 220
COHOM 45
JEUN 52
EDUC 193
COMER 63
WTO 111
CULT 66

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi: 9 ta' April 2019
lil: Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8071/19
Suġġett: Lejn Unjoni dejjem aktar sostenibbli sal-2030
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (9 ta' April 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill "Lejn Unjoni dejjem aktar sostenibbli sal-2030", kif adottati mill-Kunsill fit-3685 laqgħa tiegħu li saret fid-9 ta' April 2019.

Lejn Unjoni dejjem aktar sostenibbli sal-2030

Konklużjonijiet tal-Kunsill

L-Unjoni Ewropea: fuq quddiem nett fl-iżvilupp sostenibbli

1. Il-Kunsill jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, hija essenzjali għad-dinja tagħna biex tkun żgurata ħaġġa paċifika u sigura għall-ġenerazzjonijiet attwali u dawk futuri filwaqt li jiġu rrispettati l-limiti tal-pjaneta tagħna, u dan billi jiġu appoġġati d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jiġu protetti l-klima u l-ambjent, jinbnew ekonomiji moderni, dinamiċi u inklużivi, jitjiebu l-istandards tal-għajxien, u jitnaqqsu l-inugwaljanzi, b'tali mod li ħadd ma jitħalla barra.
2. Il-Kunsill jissottolinja li, kif stipulat fit-Trattati, l-iżvilupp sostenibbli jinsab fil-qalba tal-Unjoni Ewropea, u li l-prinċipji tal-Aġenda 2030 huma integrati fil-prinċipji u l-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni. Għalhekk, l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 hija ta' importanza kbira kemm għall-valuri tal-Unjoni Ewropea kif ukoll għall-futur tal-Ewropa, bil-għan li l-Unjoni ssir dejjem aktar sostenibbli.
3. Il-Kunsill jenfasizza li huwa fl-interess tal-UE li jibqa' jkollha rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 b'mod koerenti, komprensiv u effettiv, u li tmexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni tagħha bħala pjan ta' azzjoni għan-Nies, il-Pjaneta, il-Prospertà, il-Paċi u s-Sħubija. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar l-impenn tiegħu biex jinħolqu u jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn id-dimensjonijiet soċjali, ambjentali, u ekonomiċi tal-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li jitqiesu l-interkonnessjonijiet bejn is-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli.

4. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa urġenti biex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, kemm globalment kif ukoll internament, bħala prijorità ewlenija tal-UE, għall-benefiċċju taċ-ċittadini tagħha u biex titħares il-kredibbiltà tagħha fl-Ewropa u globalment.
5. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-proċessi u d-dokumenti ewlenin tal-UE u dawk globali, bħalma huma l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, l-Istrateġija Globali tal-UE, l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa huma ferm interkonnessi mal-isfida tal-implimentazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli tal-UE, u jissottolinja li l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Aġenda 2030 fl-UE tirrikjedi li dawn il-proċessi kollha jimxu fl-istess direzzjoni b'mod koerenti.
6. Għalhekk, il-Kunsill jilqa' d-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni Ewropea "Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030" bħala kontribut meħtieġ b'mod urġenti għad-dibattitu dwar futur aktar sostenibbli għall-Ewropa u l-iffissar tal-prijoritajiet strateġiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss. Huwa jilqa' l-analiżi tal-Kummissjoni tal-isfidi ewlenin għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa, kif ukoll l-appell tagħha lill-UE biex tibni fuq il-kisbiet tagħha u ssir "pjunier" għall-iżvilupp sostenibbli fil-livell globali, bi sħubija man-Nazzjonijiet Uniti, permezz ta' multilateraliżmu affermat mill-ġdid u msaħħaħ u valuri kondiviżi.

Nieħdu azzjoni issa

7. Il-Kunsill jenfasizza li, erba' snin wara l-adozzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, hemm ħtieġa qawwija u urġenti għal bidla lejn approċċ komprensiv, globali u ambizzjuż fil-livell tal-UE, li jibni fuq elementi tax-xenarji ppreżentati fid-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni, sabiex l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli jintlaħqu malajr, bir-reqqa u b'mod vigoruż sal-2030. Dan l-approċċ għandu jiggwida l-azzjonijiet attwali u futuri tagħna fil-livell tal-UE, b'mod partikolari matul il-leġislatura li jmiss, li ser tkun kruċjali biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

8. Il-Kunsill itenni bil-qawwa l-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2017¹ fejn ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex telabora strateġija ta' implimentazzjoni komprensiva li tiddekrivi l-iskedi ta' żmien, l-oġġettivi u l-miżuri konkreti biex tiġi riflessa l-Aġenda 2030 u biex l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli jiġu integrati fil-politiki interni u esterni rilevanti kollha tal-UE, abbażi ta' x'jeħtieġ li jsir aktar sal-2030 f'termini ta' politika tal-UE, leġislazzjoni, struttura ta' governanza għal koerenza orizzontali u mezzi ta' implimentazzjoni, kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2018² fejn appella biex tali strateġija komprensiva tiġi ppreżentata fl-2019.
9. Filwaqt li jirrispetta l-prinċipju ta' sussidjarjetà, proporzjonalità u d-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati Membri, il-Kunsill jenfasizza li l-istrateġija komprensiva ta' implimentazzjoni tal-UE għandha tkun ambizzjuża, ibbażata fuq l-evidenza u msejsa fuq l-għarfien tar-riskji, filwaqt li tinkludi oġġettivi u azzjonijiet tanġibbli u tiddefinixxi l-istrutturi u l-proċessi ta' implimentazzjoni li ser jappoġġaw l-integrazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-livell tal-UE u jtejbu l-koerenza tal-politika orizzontali fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE.
10. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni, fit-tfassil ta' din l-istrateġija komprensiva ta' implimentazzjoni tal-UE, biex tippreżenta pjan direzzjonali ċar biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet deskritti fid-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni, possibbilment ukoll fil-forma ta' pjanijiet ta' azzjoni u strateġiji settorjali, imħejjija fejn xieraq minn gruppi ta' esperti ta' livell għoli.
11. Il-Kunsill iqis li l-istrateġija komprensiva ta' implimentazzjoni tal-UE għandha tuża l-mekkaniżmi eżistenti għall-monitoraġġ u r-rappurtar, sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-piżijiet amministrattivi eċċessivi. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' segwitu b'saħħtu, inklużiv, trasparenti, u integrat u rieżami tal-implimentazzjoni fil-livell tal-UE, ibbażat fuq l-analiżi tal-progress ta' Eurostat li ser tkompli tiġi żviluppata u mtejba, meta jkun xieraq.

¹ 10370/17

² EUCO 13/18

12. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa qawwija u urġenti biex tittejjeb il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp Sostenibbli (PCSD) fil-livelli kollha u bejn l-azzjonijiet interni u esterni kollha, billi tiġi aċċellerata l-integrazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-politiki, strateġiji u għodod rilevanti kollha tal-UE, u biex jintużaw b'mod aktar effiċjenti l-mekkaniżmi u l-istrumenti eżistenti, inkluż fejn rilevanti s-Semestru Ewropew, l-aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar, proċeduri ta' valutazzjoni tal-impatt, il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD) u biex jiġi vvalutat kif il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) jista' jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030.
13. F'dak ir-rigward, il-Kunsill jilqa' r-Rapport tal-UE għall-2019 dwar il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD) u r-rabta mill-qrib tiegħu mad-Dokument ta' Riflessjoni. Il-PCD għandha l-għan li ttejjeb l-impatt pożittiv tal-politiki tal-UE fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, billi tippromwovi s-sinerġiji u tnaqqas il-kompromessi bejn il-politiki. Kif sottolinjat fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid, dan jirrappreżenta mezz importanti biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u kontribut importanti għall-oġġettiv usa' tal-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp Sostenibbli (PCSD).
14. Il-Kunsill iħeġġeġ li l-pedamenti ewlenin tal-politika għal futur sostenibbli jinkludu transizzjoni deċiżiva lejn ekonomija ċirkolari, inkluż ċikli ta' materjal mhux tossiku, ħidma għall-kisba ta' newtralità klimatika, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, il-protezzjoni tal-bijodiversità u l-ekosistemi, l-indirizzar tat-tibdil fil-klima, is-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u tal-ikel, kif ukoll enerġija, setturi tal-bini u mobilità b'livell baxx ta' karbonju, sikuri u sostenibbli, filwaqt li titrawwem il-koeżjoni Ewropea. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll li tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali sabiex jiġu promossi l-inklużjoni, l-ugwaljanza, inkluż l-ugwaljanza bejn is-sessi, u transizzjoni soċjalment ġusta, f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, filwaqt li jiġi żgurat li jiġu salvagwardjati l-valuri komuni tal-UE, inkluż id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali.

15. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-vantaġġ kompetittiv tal-UE jiddependi fuq ir-reżiljenza u s-saħħa taċ-ċittadini tagħha u, bħala tali, fuq l-iżgurar ta' qafas Ewropew iggwidat mis-sostenibbiltà għall-edukazzjoni, ix-xjenza, it-teknoloġija, ir-riċerka, l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, il-kultura u l-isport li huma prerekwiżiti u faċilitaturi għall-kisba ta' ekonomija tal-UE dejjem aktar sostenibbli, u l-integrazzjoni tiegħu fil-katini tal-valur dinji sostenibbli, biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. F'dan l-ispirtu, il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' sensibilizzazzjoni permezz tal-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli (ESD) bħala faċilitaturi ewlieni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli l-oħrajn kollha u bħala muturi għall-innovazzjoni, ir-reżiljenza, u l-azzjoni trasformattiva.
16. Il-Kunsill itenni l-importanza li l-flussi finanzjarji jsiru konsistenti u jappoġġaw l-Aġenda 2030, inkluż li jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-koerenza tal-istrumenti finanzjarji. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' u jappoġġa l-isforzi tal-Kummissjoni biex timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli u tapprofondixxi l-kooperazzjoni internazzjonali għall-finanzjament sostenibbli.
17. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati l-pedamenti ta' politika ewlenin għal futur sostenibbli tal-Ewropa kif ukoll il-prinċipji tal-Aġenda 2030 u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha fid-diskussjonijiet dwar l-Aġenda Strateġika tal-UE 2019-2024 li jmiss.

L-appoġġ għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli madwar id-dinja

18. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jibqa' jiġi appoġġat l-iżvilupp sostenibbli b'mod globali u l-importanza għall-UE li tippreżenta ruħha fuq il-pjattaforma tan-NU bħala attur ewlieni għall-Aġenda 2030 u sostenitur qawwi tal-approċċ multilaterali biex jiġu indirizzati l-isfidi globali.
19. Il-Kunsill jenfasizza l-kontribut pożittiv ta' kummerċ miftuħ u bbażat fuq ir-regoli għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kemm fi ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi kif ukoll f'kuntesti multilaterali, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' objettivi ta' sostenibbiltà fl-istrumenti tal-politika kummerċjali, u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, bil-għan li jinkisbu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni xierqa.

20. Il-Kunsill jenfasizza li l-UE trid tkompli tappoġġa u tippromwovi l-prinċipji tal-paċi, id-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja u l-istat tad-dritt permezz ta' istituzzjonijiet effikaċi, trasparenti u inklużivi, u governanza tajba bħala prekondizzjonijiet għal żvilupp sostenibbli, u għandha tibqa' għaddejja bl-involviment attiv tagħha ma' pajjiżi sħab permezz ta' djalogi politiċi u programmi ta' żvilupp ibbażati fuq l-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha.
21. Il-Kunsill jafferma l-importanza tal-Forum Politiku ta' Livell Għoli (HLPF) tan-NU fil-livell tal-Kapijiet ta' Stat jew tal-Gvern f'Settembru 2019 u jistenna b'interess dikjarazzjoni politika konċiżza, komprensiva u b'saħħitha li ġġedded u ssaħħaħ l-impenn tiegħu li jwettaq l-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, li huma integrati, interkonnessi u indiviżibbli, u jwittu t-triq għaċ-ċiklu ta' erba' snin li jmiss.
22. Il-Kunsill jistenna wkoll b'interess ir-rapportar tal-Unjoni Ewropea fil-Forum Politiku ta' Livell Għoli dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fl-2019, kemm dwar id-dimensjonijiet interni kif ukoll dawk esterni tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-SDGs tagħha, ibbażat fuq id-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni u l-annessi tiegħu, ir-rapport tal-Eurostat tal-2019 u r-Rapport ta' Sinteżi Konġunt u r-rapport 2019 tal-UE dwar il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD), filwaqt li jistenna li r-rapportar jitħejja b'mod trasparenti u konsistenti mal-Eżamijiet Nazzjonali Volontarji (VNR) tal-Istati Membri.
23. Il-Kunsill jappella lill-Istati Membri biex ikomplu bl-isforzi tagħhom u jaċċellerawhom bil-għan tal-implimentazzjoni effettiva u b'suċċess tal-Aġenda 2030 u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha kif ukoll tal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa bħala l-parti integrali tagħha, u biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom fil-livell globali billi jirrapportaw dwar il-progress fis-sessjonijiet annwali tal-Forum Politiku ta' Livell Għoli, inkluż permezz tal-Eżamijiet Nazzjonali Volontarji.

It-tisħiħ tas-sħubiji u l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati

24. Il-Kunsill ifakkar li l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tirrappreżenta responsabbiltà kondiviża u tirrikjedi l-involviment kontinwu u b'saħħtu tal-partijiet ikkonċernati kollha fi proċess parteċipattiv li jkun organizzat sew u trasparenti biex titjeb il-kollaborazzjoni bejniethom u biex tiġi ffaċilitata s-sħubija li tinvolvi lill-UE u l-Istati Membri tagħha, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-soċjetà ċivili, is-settur privat, l-akkademja, l-NGOs, is-sħab soċjali, iċ-ċittadini u partijiet ikkonċernati oħra, inkluż permezz ta' komunikazzjoni mmirata u bl-użu ta' għodod diġitali ta' kollaborazzjoni.

25. Il-Kunsill jappella għat-tiŝiħ tal-Pjattaforma ta' Diversi Partijiet Ikkonċernati dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, li ser taqdi rwol importanti fil-proċess ta' tħejjija kif ukoll fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-istrateġija ta' implimentazzjoni tal-UE għall-Aġenda 2030, u jappella biex is-sħubija fil-Pjattaforma ta' Diversi Partijiet Ikkonċernati tkun inklużiva u rappreżentattiva u tiżgura l-involviment tal-Istati Membri. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tkompli ssir ħidma li tibni fuq l-għarfien espert ta' pjattaformi ta' taġħlim bejn il-pari bħan-Network Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (ESDN).
26. Il-Kunsill jenfasizza r-rwol importanti tas-settur privat fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u jinkoraġġixxi l-involviment kostruttiv kontinwu tiegħu, permezz ta' sħubiji ibbażati fuq is-suq, l-investimenti, u l-mudelli ta' negozju f'konformità mal-prinċipji ta' Mgħiba Responsabbli fin-Negozju (RBC) u Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpanniji (CSR). Dawn il-prinċipji, li huma bbażati fuq strumenti oħra bħal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali jew il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, għandhom iservu ta' bażi għal qafas ta' politika robust tal-UE, inkluż pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-imġiba responsabbli fin-negozju. Dan tal-aħħar għandu jipromwovi il-ġestjoni responsabbli tal-ktajjen tal-provvista globali sabiex jissawru kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fil-livell internazzjonali.
27. Il-Kunsill, filwaqt li jfakkar il-11-il Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġġ, jirrikonoxxi, b'mod partikolari, l-importanza tad-dimensjoni taż-żgħażaġġ fl-Aġenda 2030 u r-rwol ewlieni li ż-żgħażaġġ jistgħu jaqdu fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u jistieden lill-Istati Membri biex iqisu l-ħtiġijiet u l-aspettattivi taż-żgħażaġġ fil-kontribut taġħhom għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 fis-setturi ta' politika rilevanti kollha u biex jippermettu liż-żgħażaġġ Ewropej jikkontribwixxu kif xieraq biex tinkiseb Unjoni dejjem aktar sostenibbli.